“Dar Birzebbuga” Triq Santa Marija - Birzebbuga Tel : 21650165 Fax :21650444

*Motto*: **PACI U SAHHA LIL KULHADD**

**Minuti tal-laqgħa numru 10/13 tal-Kunsill Lokali ta’ Birżebbuġa li saret fl-uffiċċju tal-Kunsill nhar il-Ħamis, 25 ta’ Lulju 2013 fil-5.30pm**

| | |
|---|---|
| *Preżenti* | *Membri* |
| **Sindku** | **Is-Sur Joseph Farrugia** |
| **Kunsillieri** | **Is-Sur Joseph Baldacchino**<br>**Is-Sur Kevin Barun**<br>**Is-Sur Carmelo Cachia (Agenda 1 - 4)**<br>**Is-Sur Charles Muscat**<br>**Mrs Bernardette Pace**<br>**Is-Sur Stanley Zammit** |
| **Aġent Segretarju Eżk.** | **Maria Galea** |
| **Skużat** | **Is-Sur Carmelo Cachia (Agenda 5)** |

## ***AĠENDA -1***

Il-Minuti tas-Seduta Nru. 09/13 tqassmu minn qabel u ġew meħuda bħala moqrija. C.Cachia ippropona u S.Zammit issekonda mozzjoni biex il-Minuti Nru. 09/13 ikunu jistgħu jiġu ffirmati kif ippreżentati mis-Sindku u mill-Aġent Segretarju Eżekuttiv bħala dokument korrett. Kulħadd qabel.

## ***AĠENDA -2***

*01/07 -* Tressqet fuq il-mejda Memo 17/2013 – Skema ta’ Għajnuna Finanzjarja għal *Streaming* tal-laqgħat *Online*. Wara diskussjoni l-Kamra unanimament qablet li tapplika għal din l-iskema għaliex temmen fit-trasparenza u b’din l-inizjattiva l-laqgħat tal-Kunsill Lokali jkunu jistgħu jiġu segwiti mir-residenti mill-kumdita’ ta’ fejn ikunu qegħdin.

*02/07 -* Il-Birkirkara Badminton Club ressqu talba quddiem il-Kamra sabiex nhar it-23 ta’ Awwissu 2013 jorganizzaw *Beach Speedminton* fil-Bajja s-Sabiħa matul il-ġurnata. Il-Kamra unanimament qablet li ssir din l-attivita’ pero’ minħabba attivita’ oħra tal-Kunsill Lokali fl-istess ġurnata, għandu jsir qbil li l-attivita’ tal-*Beach Speedminton* ma ddumx aktar mis-7.00 p.m. jew possibilta’ oħra hi li ssir ġurnata oħra.

*03/07* - Koppja li ser tiżżewweġ fil-Kappella ta' Bengħisa talbet l-approvazzjoni tal-Kunsill Lokali sabiex tagħmel festin mad-dawra taz-zuntier. Wara diskussjoni l-Kamra laqgħet din it-talba minħabba li l-post propost mhux traffikuż.

*04/07* - Kumpanija Privata talbet l-approvazzjoni tal-Kunsill sabiex issir *sandcastle competition* flimkien ma' promozzjoni u bejgħ ta' alkoħol fil-Bajja s-Sabiħa. Wara diskussjoni, il-Kamra qablet mal-inizjattiva sabiex issir is-*sandcastle competition* pero' mingħajr bejgħ u promozzjoni ta' alkoħol.

***AĠENDA -3***

Il-MEPA nediet proċess ta' konsultazzjoni fuq ir-reviżjoni tal-Pjan Lokali. Is-Sindku spjega kif il-Kunsill Lokali diġa kellu l-ewwel laqgħa introduttorja f'dan ir-rigward fejn rappreżentanti tal-MEPA spjegaw il-ħidma tagħhom għal dan il-proċess. Wara diskussjoni l-Kamra qablet li, għalkemm il-Kunsill għandu s-suġġerimenti tiegħu x'jagħmel għal dan it-tibdil, għandha tissejjaħ laqgħa pubblika għar-residenti sabiex ikunu parti attiva f'din il-konsultazzjoni.

***AĠENDA -4***

Tressqu l-pagamenti u l-*purchase requests* tagħhom għax-xahar ta' Lulju 2013. Peress li ma kien hemm l-ebda oġġezzjoni jew amendi l-Kamra qablet li tħallas is-somma ta' €54134.97 skont Skeda Nru. 07/13.

***AĠENDA -5***

1. L-Aġent Segretarju Eżk. infurmat lill-Kamra li :

- l-Kunsill Lokali ġie avviċinat miż-żewġ banek ewlenin lokali, wara talba mid-Dipartiment għall-Gvern Lokali, sabiex napplikaw għall-*epos machines* ħalli l-Kunsilli jkunu jistgħu jipproċessaw permessi *online*. Kulħadd qabel.

- nhar l-1 ta' Awwissu fis-6.30 p.m. il-Kunsillieri mistiedna għall-quddiesa kkonċelebrata mill-Isqof Ġorġ Frendo fl-okkażżjoni tal-festa titulari ta' San Pietru fil-Ktajjen.

- Transport Malta qed taħseb sabiex għas-sena 2015 tapplika għax-xogħol neċessarju sabiex Triq il-Port Ħieles issir *by-pass*.

- Il-Kuntratti ta' Servizz ta' *Contracts Manage*r u ta' Żamma ta' Latrini Pubbliċi daqt waslu sabiex jiġġeddu għall-aħħar sena tagħhom. Wara diskussjoni l-Kamra qablet li l-kuntratt ta' Servizz ta' *Contracts Manager* għandu jiġġedded filwaqt li dak ta' Żamma ta' Latrini Pubbliċi għandha terġa toħroġ sejħa pubblika għalih sabiex jiġu rranġati ċertu klawsoli għal servizz aħjar.

- Qed ikun hemm bosta ilmenti mir-residenti li, l-kuntrattur tal-Bulky Refuse mhux qed jiġbor l-affarijiet kollha għalkemm ikunu mniżżla fuq l-ordni. Wara diskussjoni l-Kamra qablet li l-kuntrattur għandu jingħata tidwiba bil-miktub sabiex jagħraf jirregola ruħu.

2. Il-Viċi Sindku, is-Sur K.Barun :

- fakkar lill-Kunsillieri li sal-aħħar ta' Lulju 2013 għandhom ikollhom l-artikli li se jkunu ppubblikati fil-*magazine* li jmiss.

- talab sabiex jiġi avviċinat is-*Superintendent* tal-*Cultural Heritage* minħabba li għaddiet sena mid-diversi laqgħat li kellu l-Kunsill Lokali ma' din l-entita' u ma rajna l-ebda żviluppi.

- talab lill-Kumitat għall-Immaniġġar tat-Traffiku sabiex jiddiskuti t-*traffic management* għal Triq id-Duluri, minħabba li fil-preżent Triq id-Duluri kif ukoll Triq il-Bieqja huma *One Way* fl-istess direzzjoni.

- il-proġett tal-Kunsill Lokali taż-Żgħażagħ ta' Birżebbuġa ġie magħżul sabiex jiġi mplimentat. L-ewwel żewġ attivitajiet se jsiru fit-23 ta' Awwissu f'Wesgħa Ramon Perellos fil-Qajjenza u fl-24 u l-25 fil-Bajja s-Sabiħa, se jkun hemm Zumba b'xejn għal kulħadd fost affarijiet oħra.

3. Il-Kunsillier, is-Sur J.Baldacchino :

- informa l-Kamra li wara laqgħa li saret maċ-Chairman tal-Enemalta fir-rigward tas-siġar tal-awrikarji li tqaċċtu mit-31st March Depot, ġie miftiehem li bħala kumpens jiġu miżrugħa siġar taż-żebbuġ mill-Enemalta kull fejn hemm bżonn fil-*promenade*; mill-waterpolo pitch sa ħdejn il-monument ta' Bush u Gorbachev.

4. Il-Kunsillier, is-Sur S. Zammit :

- talab sabiex titkompla applikazzjoni għal talba ta' lampa ġdida f'Misraħ Pietru Pawl Saydon. Din l-applikazzjoni kienet ġiet approvata mill-Kunsill Lokali f'Seduta. Ukoll fl-istess Misraħ hemm bżonn li jiġu rrapportati żewġ karozzi mitluqa kif ukoll tindifa ġenerali.

- talab sabiex il-Kunsill Lokali jibda jikkunsidra sistema ta' telefons aħjar sabiex ir-residenti jkunu jistgħu jaqbdu l-uffiċċju amministrattiv. Ġie ssuġġerit sistema ta' *Line Hunting System.*

- informa l-Kamra li l-istima ta' sinjali ta' traffiku għal parti lesta mix-xogħol ta' asfalt tal-Bajja s-Sabiħa hi ta' €917.31. Il-Kamra approvat dan ix-xogħol. Ukoll informa l-Kamra li qed nistennew stimi ta' xogħol għal Triq San Ġwann, Triq il-Kurat Fenech u Triq is-Sajjied u *zebra crossings* fl-*area* ta' San Ġorġ.

- informa l-Kamra fuq il-progress ta' diversi proġetti :

    - *Għar Dalam Junction* qed jinġiebu l-istimi neċessarji sabiex ikun jista' jibda x-xogħol.

    - Is-sinjali tat-traffiku fi Triq l-Għansar u Triq Salvatore Cachia Zammit għandhom isiru sal-ġimgħa d-dieħla u sa nofs Awwissu għandha titkompla l-bankina fi Triq Salvatore Cachia Żammit.

    - Ix-xogħol fuq ir-restawr tal-Kappella tad-Duluri ġie pospost għas-sena d-dieħla.

5. Il-Kunsilliera, is-Sinjura B.Pace :

- ressqet talba tal-Għaqda Storja u Kultura fejn dawn urew ix-xewqa li jiltaqgħu mal-Kunsill Lokali. Ġie miftiehem li l-amministrazzjoni għandha ssib data meta din il-laqgħa tista' ssir.

6. Il-Kunsillier, is-Sur C.Muscat :

- fakkar lill-Kamra fir-rigward ta' bżonn li tinstab soluzzjoni fi Triq Birżebbuġa ħalli meta tagħmel ix-xita jkunu jistgħu jaqsmu n-nies.

- ġibed l-attenzjoni tal-Kamra li hemm bżonn nisħqu mal-Enemalta sabiex isir *reinstatement* tal-asfalt sewwa fi Triq Birżebbuġa, wara li sar tħaffir fit-triq mill-entita'.

7. Is-Sindku, is-Sur J.Farrugia :

- informa l-Kamra li fil-*promenade* tal-Qajjenza ser jitwaħħal festun għall-bqija tas-Sajf li qabel kien jintuża f'Bengħisa.

***<u>Għeluq</u>***

Is-Seduta ġiet iddikjarata magħluqa fit-8.30pm. Is-Seduta li jmiss ser tinżamm nhar il-Ħamis, 29 ta' Awwissu 2013 fil-5.30pm.

.

| | |
|---|---|
| ........................................ | ............................................. |
| **Joseph Farrugia** | **Maria Galea** |
| **Sindku** | **Segretarju Eżk.** |